Kunsill Lokali L-Imsida

# Laqgħa Annwali tal-Lokalità.

It-Tlieta 25 ta’April 2023

Rapport Annwali Amministrattiv (Jannar – Diċembru 2022)

## Werrej

1 - Introduzzjoni
2 - Popolazzjoni
3 - Kunsilliera u karigi
4 - L-Amministrazzjoni tal-Kunsill
5 - Ħaddiema ssekondati
6 - Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill
7 - Permessi tal-Kunsill
8 - Talbiet tar- residenti
9 - Kuntatt
10 - Deskrizzjoni ta' ħidma mwettqa.
11 - Konklużjoni

## 1- Introduzzjoni

Minkejja li s-sena 2022 bdiet bir-restrizzjonijiet imposti minħabba l-Covid 19, din kienet xorta mimlija b'diversi xogħolijiet u sforzi biex l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida tkompli għaddejja b'inizjattivi għar-risq tal- komunità, ġewwa l-Imsida u s- Swatar.

Minkejja l-limitazzjonijiet kollha sa' nofs is-sena l-Kunsill Lokali tal-Imsida permezz ta' sforzi akbar mis-Sindku, il-Kunsilliera u l-amministrazzjoni u l-ħaddiema baqa' għaddej biex joffri numru ta' servizzi sabiex jara li l-Imsida u r-residenti jkunu qed igawdu aktar minn titjieb, manutenzjoni neċessarja madwar it-toroq u attivitajiet oħra fejn dawn kienu possibbli.

L-allokazzjoni għas- sena 2022 (Tabella 1) kienet € 701,406 li flimkien ma' dħul ieħor wasslu biex il-Kunsill jżomm pożizzjoni finanzjarja stabbli ħalli jkun jista' jaqdi aħjar il- funzjoni tiegħu.

**Tabella1**

**ALLOKAZZJONI FINANZJARJA TAL-KUNSILLI LOKALI 2022**

**KUNSILL LOKALI:** L-Imsida

| Funzjonijiet | Allokazzjoni € |
|---|---|
| **L-Allokazzjoni Finanzjarja Diretta skont l-Artiklu 55 tal-Att** | |
| **1. Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna** | |
| Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna | 23,059 |
| Fond għal-Latrini Pubbliċi | 3,825 |
| **2. Manutenzjoni tat-Toroq** | |
| **Tiswija u Manutenzjoni ta' toroq:** | |
| Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 88,590 |
| Mhux Urbani, sinjali u marki tat-traffiku | 2,403 |
| Knis ta' Toroq Urbani | 63,851 |
| Tindif ta' Toroq Mhux Urbani | 1,068 |
| **3. Immaniġġar tal-Iskart** | |
| Ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels* | 226,443 |
| *Waste Tipping Fees* | 80,077 |
| **4. Spejjeż ta' Amministrazzjoni** | 212,089 |
| **Fond ta' Aġġustament (jekk japplika)** | |
| **I. Fond għal Żoni Turistiċi** | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **II. Fond għall-Belt Kapitali, Ex Belt Kapitali u Bliet** | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **III. Fond biex kull Kunsill Lokali ikollu żieda ta' mill-inqas €11,000** | 0 |
| (Wara li jingħata pjan skont Punt 4.2 taċ-Ċirkulari) | |
| **TOTAL** | **701,406** |

Għalhekk kien ta' sodisfazzjon, li minkejja kien hemm żieda sostanzjali fin-nefqa operattiva u amministrattiva biex jingħataw dawk servizzi mitluba

mil-funzjoni statutorja, l-Kunsill Lokali xorta irnexxielu jżomm bilanċ pożittiv li ser jippermetti biex titkompla l-ħidma, biex il-lokal ta' L-Imsida ikun aħjar.

**L-Imsida Local Council**

**Quarterly Financial Report**
**1st January till End of December 2022 (Quarter 4)**

## Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of December 2022 (Quarter 4)

| DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2022 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2022 |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 827,325 | 772,380 | - | 772,380 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 60,926 | 54,200 | - | 54,200 |
| Income raised from LES (3) | 12,527 | 10,400 | - | 10,400 |
| Investment Income (4) | - | - | - | - |
| Other Income (5) | 22,203 | 20,360 | - | 20,360 |
| **TOTAL** | **922,981** | **857,340** | **-** | **857,340** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 199,135 | 196,152 | - | 196,152 |
| Operations and Maintenance (7) | 600,921 | 499,133 | (90,500) | 589,633 |
| Administration (8) | 56,345 | 59,048 | - | 59,048 |
| Finance Cost (9) | 1,830 | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 49,308 | 84,427 | - | 84,427 |
| **TOTAL** | **907,539** | **838,760** | **(90,500)** | **929,260** |
| **Surplus / Deficit** | **15,442** | **18,580** | **90,500** | **(71,920)** |

Bħal snin ta' qabel, il-kunsill kompla jġedded il-pjan ta' ħidma li fassal f'Settembru 2019 biex ikun jista' jindirizza diversi sfidi li hawn ġol- Lokalità. Għalhekk matul is-sena 2022 ittieħdu diversi inizjattivi sabiex ikun hemm aktar għajnuna mill- Gvern Centrali jew allokazzjoni ta' fondi minn skemi bi skop li jsir xogħol ta' tisbiħ jew manutenzjoni li fuqhom se jingħata aktar dettal. Dan ir-rapport li jinkludi wkoll tagħrif ġenerali dwar il-ħidma tal-kunsill Lokali L-Imsida matul is-sena li għaddiet u indikazzjoni ta' dak li huwa maħsub għas-sena 2023.

Alan Vella

Segretarju Eżekuttiv.

## 2- Popolazzjoni

Il-Kunsill Lokali ta’ l-Imsida huwa raħal ta’ madwar 9099 votant mill-Imsida u 1319 mis-Swatar (Dati meħuda minn fuq ir-reġistru Elettorali ta’ Ottubru 2022 tal-elezzjoni tal-kunsilli Lokali) li juri żieda ta'429 vot meta mqabbel ma dak ta' Ottubru 2020.

Il- popolazzjoni fl- ewwel ta' Jannar 2020 kienet 15,364 filwaqt li fl-ewwel ta' Jannar 2021 kienet 15,566.

**Tabella 2**







Il-figuri go Tabella 2 jagħtu indikazzjoni li l-popolazzjoni baqgħet tikber għalkemm b’rata inqas iżda sakemm ħareġ dan ir-rapport Amministrattiv ma' kienx hemm dati ppublikati dwar il-popolazzjoni fl-ewwel ta' Jannar 2022.

## 3- Kunsilliera u Karigi

Il-Kunsill elett matul din il-leġislatura huwa magħmul minn disa' Kunsillieri eletti fil-25 ta'Mejju 2019 fejn beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju 2019. Din il-leġislatura hija pjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sa Ġunju 2024.

Il-Kunsill Lokali huwa magħmul mis-Sindku u tmien Kunsilliera. Kull wieħed jista' jkollu r-responsabbiltà' ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet mogħtija lilu bil-Kap 363 ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu ħames uffiċċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, *contracts manager* u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati huma li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala l-Gvern Lokali tal-Imsida.

### Leġislatura 8-

Il-Kunsilliera Eletti, Responsabiltajiet u l-impjegati tal-Kunsill Lokali L-Imsida.

- Sindku Margaret Baldacchino Cefai

Customer Care, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd, Indafa, Servizzi, Integrazzjoni, Komunitajiet, Libreriji

- Viċi-Sindku: Romina Galea

Anzjani, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun

- Kunsillier Jean Claude Borg

Kultura, Dawl tat-Toroq

- Kunsillier Nicholas Joseph Chircop

Sports, Attivitajiet fiżiċi, Żgħażagħ u Tfal

- Kunsillier Emanuel Brincat

Infrastruttura, Proġetti, Siti ta' kostruzzjoni, Traffiku, Għajn tal-Ħasselin, Monument GWU, Rappreżentant Ewlieni tas-Sotto Kumitat tas-Swatar

- Kunsillier Charles Selvaggi

Innovazzjoni, Ħarsien ta' l-annimali

- Kunsillier Maurice Agius

Qasam Soċjali, Persuni b'diżabilità'

- Kunsillier Alfred Farrugia

Ambjent, Dawl tal-ġonna, Manutenzjoni ta' Ġonna, Funtani, Bust u Monument, Postijiet pubbliċi

- Kunsilliera Judy Sciberras

Edukazzjoni

**Tabella 3**




*Mix Xellug Alan Vella (Segretarju Eżekuttiv) Is-Sinjuri Alfred Farrugia ,Nicholas.j.Chircop u Maurice Agius (kunsilliera) Margaret Baldacchino Cefai (Sindku),Charles Selvaggi (Minority Leader) Romina Galea (Viċi Sindku) u Is-Sinjuri Jean Claude Borg, Emanuel*



**Nota:** Nhar it-Tnejn 9 ta'Jannar 2023 intbagħat avviż lid- Direttur Ġenerali responsabbli għall-Gvern Lokali u lill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali, dwar ir-riżenja mill kariga ta'Sinjura Judy Sciberras min membru fil-Kunsill Lokali L-Imsida b'effett mill 31 ta'Diċembru 2022 fejn saret it-talba biex jinbeda il-proċess biex timtela din il-vakanza skont id-dispożizzjonijiet ta' Kapitolu 363 , artikolu 9 u dawk tat-Tielet Skeda tal-stess Att dwar Gvern Lokali. L-elezzjoni każwali saret nhar it-Tlieta 17 ta'Jannar 2023 fejn ġie konfermat elett is-Sur Renald Camilleri li ħa l-ġurament tal-ħatra nhar it-Tlieta 31 ta'Jannar.

*Fil- 31 ta'Jannar 2023 waqt is-Seduti L8-49 , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai assumiet ukoll ir-responsabiltà tal-Edukazzjoni li kienet għand il-kunsilliera Judy Sciberras u għaddiet ir-responsabiltà għal indafa għand is-Sur Maurice Agius waqt is-seduta L8-51. Filwaqt li matul is-seduta L8-50 assenjat ir-responsabbiltà għal-manutenzjoni tas-sinjali, tabelli fit-toroq u affarijiet oħra relatati lis-Sur Renald Camilleri.*

- Il-Kumitat tal-Finanzi huwa magħmul mis-sinjuri Margaret Baldacchino Cefai, Charles Selvaggi u Joe Demarco flimkien mal-Accountant u s-Segretarju Eżekuttiv.
- Kumitat tal-Offerti Pubbliċi huwa magħmul mis-sinjuri Margaret Baldacchino Cefai, Charles Selvaggi, Nicholas Joseph Chircop,

Kunsillier responsabbli għas-Suġġett. Ma dawn jista’ jinħatar espert fis-suġġett Estern flimkien ma’ Avukat u Awditur.

## 4- L- Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill matul 2022 kienet komposta kif ġej:

- Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv.

Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali (Eżekuttiv) , kemm amministrattiv, finanzjarju u dak legali.

- Is-Sinjura Rachel Aquilina : Prinċipal u Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi fejn timmaniġġja l-proċess għall-pagamenti tal-kunsill lill-kredituri jew salarji jew allowance tal-kunsilliera, rikonċiljazzjoni tal-ispejjeż, ż-żamma tal-kotba u tamministra s-sistema elettronika tal-akkwist.

- Is-Sinjura Sonia Vassallo : Prinċipal.

Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, fejn timmaniġġja l-proċess għall-fatturi u ħlasijiet minn debituri, permessi tal-Kunsill Lokali jew servizzi oħra mogħtija f'isem entitajiet oħra, depożiti bankarji, rikonċiljazzjoni tad-dħul u żamma ta' kotba.

- Is-Sinjorina Mirane Camilleri : Prinċipal. (fuq Intitolament għal assenza temporanja bejn Mejju u Diċembru 2022)

Responsabbli mill-korrispondenza, midja, Facebook, stimi , xiri ta'prodotti meħtieġa għal operat tal-kunsill jew manutenzjoni u ħtiġijiet oħra relatati mal-immaniġġjar ta' riżorsi umani.

- Is-Sur Carmelo Ellul : Uffiċjal Eżekuttiv.

Responsabbli għar-relazzjonijiet Pubbliċi, xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, Servizzi tal-kunsill u appoġġ fejn ikun meħtieġ fl-immaniġġjar tal-proċess għall-permessi tal-Kunsill Lokali flimkien ma' servizzi oħra għall-gestjoni ta' pagamenti riċevuti f'isem entitajiet oħra jew xiri ta'prodotti meħtieġa għal operat tal-kunsill jew manutenzjoni u ħtiġijiet oħra relatati mal-immaniġġjar ta' riżorsi umani.

- Is-Sur Marvic Bonello: Skrivan fis-Servizz Pubbliku. (Impjegat fil-21 ta' Novembru 2022)

Responsabbli għar-relazzjonijiet Pubbliċi, xogħol ta' rutina fl-uffiċċju, Servizzi tal-kunsill u appoġġ fejn ikun meħtieġ fl-immaniġġjar tal-proċess

għall-permessi tal-Kunsill Lokali flimkien ma' servizzi oħra għall-Ġestjoni ta' pagamenti riċevuti f'isem entitajiet oħra.

In-nefqa fis-salarji għas-sena 2020 kienet ta' €183,652.08 skont is-siegħat kif indikat f' Tabella 4 u inkluż allowance , il-Bonus, Sahra u Kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali. Filwaqt li l-ispiża għal operat li tinkludi materjal għal użu fl-uffiċju jew oħrajn bħal Kera, Trasport, Ivvjaġġar, Servizzi ta' Informazzjoni , Tindif tal-Uffiċċju, Servizzi Professjonali, Taħriġ , Ospitalità tal-Uffiċċju jew  Spejjeż Inċidentali kienet ta' €56,345.

Tabella:4




## 5- Ħaddiema s-sekondati mal-Kunsill

CWEF

- Is-Sur Jesmond Schembri: Team Supervisor (Fuq Intitolament għal assenza temporanja)

- Is-Sur Joseph Baldacchino: Operazzjonijiet minuri ta' rutina, xogħol ta' patching jew ta' manutenzjoni ta' sinjali u tindif.

- Is-Sinjura Diane Vella : Assistent Skrivan

Tassisti f' xogħol relatat ma'relazzjonijiet Pubbliċi biex jitqassmu rapporti dwar ħsarat u manutenzjoni jew  abbużi skond il-ħtieġa, koordinazzjoni għal-talbiet biex jinġabar skart goff  u moniterag jew komunikazzjoni mas-servizz tal-ġbir ta'skart domestiku jew  knis dwar ilmenti li jaslu għand il-kunsill.

- Is-Sur Emanton Spiteri: Operazzjonijiet minuri ta' rutina, xogħol ta' patching jew ta' manutenzjoni ta' sinjali u tindif.

- Is-Sur Raymond Borg: Operazzjonijiet minuri ta' rutina. (Waqaf fil--21 ta'Jannar 2022) Xogħol ta' patching jew ta' manutenzjoni ta' sinjali u tindif.

- Alexander Zammit: Koordinatur

Xogħol ta' Kordinazzjoni għal attivitajiet tal-kunsill b'tema kulturali jew marbuta ma' integrazzjoni u proġetti mill-EU jew b' kollaborazzjoni f' programmi relatata ma' Għaqdiet jew entitajiet f' dan il-qasam.

- Olivia Busuttil: Assistent tal-uffiċċju. (Bdiet f'19 ta'Settembru 2022)

Tassisti fil-koordinazzjoni għal-talbiet biex jinġabar skart goff u l-Amministrazzjoni tal-Kunsill fix-xogħol ta' rutina fl-uffiċċju fejn meħtieġ.

IPSL

Is-Sur Ray Vella: Operazzjonijiet minuri ta' rutina, xogħol ta' patching jew ta' manutenzjoni ta' sinjali u tindif.

Tabela:5




Il-paga bażika ta'dawn il-ħaddiema titħallas dirett mid-dipartimenti tagħhom skont is-siegħat kif indikat f'Tabella 4 filwaqt li l-kunsill jieħu ħsieb ħlas ta'Sahra jew Allowance skont il-bżonn u l-performance bonus. In-nefqa fuq dawn għas-sena 2022 kienet ta' €14,969.70

## 6- Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Diċembru 2022 inżammu 14-il laqgħa minn L8-34 sa L8-47 u l-attendenza kienet hekk kif hawn taħt murija. L-allowance mħallsa għal- kunsilliera u l-onorarja kienu jammontaw għal €20,516.08

Attendenza għal laqgħat tal-Kunsill – bejn 1 ta’ Jannar sa 31 ta’ Diċembru 2022 (min 14 il-laqgħa)

- Kunsillier Charles Selvaggi:12 Preżenti - 2 Skużati
- Sindku Margaret Baldacchino Cefai: 14 Preżenti
- Viċi-Sindku Romina Galea: 8 Preżenti - 6 Skużati
- Kunsillier Maurice Agius: 12 Preżenti - 2 Skużati
- Kunsillier Jean Claude Borg: 12 Preżenti - 2 Skużati
- Kunsillier Nicholas Joseph Chircop: 13 Preżenti - 1 Skużati
- Kunsillier Emanuel Brincat:12 Preżenti - 2 Skużati
- Kunsillier Alfred Farrugia: 14 Preżenti
- Kunsilliera Judy Sciberras: 11 Preżenti - 3 Skużati
- Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella, ħa ħsieb il-laqgħat tal-Kunsill.

## 7- Permessi tal-Kunsill

Matul is-sena 2022 ġew ipproċessati 3,815 applikazzjoni ta’ permessi li ġew approvati għal xogħlijiet varji fil-lokal b'dħul ta' €56,640.26 kif spjegat go tabella 6. Il-permessi kienu jinqasmu f’diversi kategoriji fosthom.

- Depożitu ta’ kontejners- 108
- Depożitu ta’ krejn jew makkinarju - 3286
- Depożitu ta’ materjal tal-bini u materjal ieħor - 4
- Divertiment Okkażjonali - 55
- Permessi ta’ Depożitu ta’ Skip - 230
- Permessi ta’ Tower Crane -7
- Tqegħid ta’ Mwejjed u Siġġijiet - 17
- Xogħolijiet ta' Trinek - 64
- Twaqqif ta’ xi Posta jew Kjosk - 28
- Twaqqif ta’ xi posta jew kjosk tradizzjonali użati eskluzivament għal bejgħ ta’ qubbajt Malti (Maltese nougat - 5
- Użu ta’ scaffolding - 10
- Shifting ta bozza -1

Matul it-tieni kwart tas-sena 2022 ġiet imnedija l-pjattaforma *localpermits.gov.mt* li toffri servizz għal varjetà ta' permessi li huma disponibbli għall-applikazzjoni online għas-sidien tad-djar u l-kuntratturi. Il-klijenti kollha jistgħu joħolqu kont biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-Permessi Online li tippermetti lill-applikant biex jimmaniġġja l-permessi u l-applikazzjonijiet attivi tiegħu billi ssegwi l-istatus, jissottometti dokumenti, u jagħmel pagamenti.

Tabela:6



## 8- Talbiet mir-residenti

Matul is-sena 2022, il-Kunsill jirċievi bosta talbiet għal l-assistenza kif indikat f'tabella 7 fejn dawn jiġu proċessati u magħluqa skond il-kategorija kif indikat.  Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra t-talbiet li jaslulu, għalkemm il-proċedura hija selettiva fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi jew għal meta dawn ikunu doppji jew aktar dwar l-istess suġġett li xorta jitqies u jkun reġistrat bħala wieħed. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar responsabbli, fil-konfront tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll fuq it-talbiet, li jkunu għadhom pendenti.

Tabela:7

| | General | % | | Enforcement | % | | Cleaning | % |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Total requests | 552 | 100 | Total requests | 138 | 100 | Total requests | 91 | 100 |
| Done | 480 | 87 | Done | 5 | 4 | Done | 14 | 15 |
| Refused | 49 | 9 | Refused | 0 | 0 | Refused | 0 | 0 |
| Pending | 23 | 4 | Pending | 0 | 0 | Pending | 0 | 0 |
| Reported | 0 | 0 | Reported | 133 | 96 | Reported | 77 | 85 |
| | **Waste** | **%** | | **Entities** | **%** | | **Lighting 2** | **%** |
| Total requests | 48 | 100 | Total requests | 294 | 100 | Total requests | 224 | 100 |
| Done | 0 | 0 | Done | 73 | 25 | Done | 214 | 96 |
| Refused | 0 | 0 | Refused | 0 | 0 | Refused | 0 | 0 |
| Pending | 48 | 100 | Pending | 80 | 27 | Pending | 1 | 0 |
| Reported | 0 | 0 | Reported | 141 | 48 | Reported | 9 | 4 |

Fost it-talbiet hemm xogħol ta' tindif u manutenzjoni madwar il-lokal ta' l-Imsida u Swatar, rapporti ta' dwal tat-toroq jew oħrajn fuq ħsarat jew abbużi li tajjeb ngħidu li jinqasmu f'żewġt kategoriji, dak taħt responsabiltà' tal-Kunsill Lokali jew Entitajiet tal-Gvern Centrali kif indikat fit-tabelli 8 hawn taħt preżentati li jagħtu indikazzjoni ta' Diversita għal-'interventi diretti jew rappurtaġġ  li qed jagħmel il-kunsill.

Tabela:8




Enforcement
Damages 1
Construction 0
Illegal Action
Vehicle 1
Vandalism 0
No Permit 0
Verification 0
Danger 2
Littering 6
Dumping 26
Rats 0
Parking 5
0 20 40 60 80 100 120
Percentage
Total requests | Done | Refused | Pending | Reported
Enforcement 138 | 5 | 0 | 0 | 133
% 100 | 4 | 0 | 0 | 96


Entities
Ilegal Practice 36
Request 10
Hanging wires 6
Subway 1
Danger 4
Cleaning 17
Spuction 1
Patching 3
Manhole 9
Danger 6
Culvert 2
Water Leakage 37
Road Works 3
Lighting 88
Drainage Leakage 27
0 10 20 30 40 50 60 70 80 90 100
Percentage
Total requests | Done | Refused | Pending | Reported
Entities 294 | 73 | 0 | 80 | 141
% 100 | 25 | 0 | 27 | 48


Cleaning
Animal Carcass 12
Grass Cutting 1
Sweeping 47
0 5 10 15 20 25 30 35 40 45 50
Percentage
Total requests | Done | Refused | Pending | Reported
Cleaning 91 | 14 | 0 | 0 | 77
% 100 | 15 | 0 | 0 | 85







B'kollox kien hemm miġbura 1347 suġġett għal talbiet jew ilmenti li l-parti l-kbira ta' dawn ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrijali Project and Services Ltd (IPSL) u dawk taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunità (CWEF). Ma dawn hemm inkluż talbiet li għal raġuni valida ma' jkunux jistgħu jiġu approvati jew minħabba li s-suġġett ma'jkunx taħt ir-responsabiltà diretta tal-kunsill bħal eżempju infurzar , dawl arterjali , sanita', drenaġġ u oħrajn fejn ikun hemm bżonn li ssir talba jew rapport ma' dipartimenti jew entitajiet konċernati mas-suġġett partikulari.

## 9- Kuntatt

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat, ma' entitajiet u dipartiment diversi fejn ġew diskussi suġġetti varji relatati mal-Imsida. Fosthom kien hemm laqgħat ma;

- Transport Malta:

Fuq problemi ta' Traffic maniġment, infurzar u koperazzjoni fejn ikun hemm bżonn ta' informazzjoni sabiex il-kunsill jamministra aħjar skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 363.163 tal-2011 - K.L.B.L. 41/08/2011 għal użu tal-iskall fid-daħla tal-Imsida

- Infrastruttura Malta:

Dwar xogħol ta' rikostruzzjoni ta' toroq residenzjali, Il-proġett tal-Imsida Creek , u tiswijiet jew periklu go toroq arterjali (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Is-CEO tal-GHRC u il-Ministru Aron Farrugia responsabbli mill- operat tal-Aġenzija li żar is-sit. Dwar il-progress fix-xogħol tal-proġett għall-promenade go Triq ix-Xatt ta'Xbiex. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Water Services Corporation:

Dwar il-proġett ta'drenaġġ go Triq Ix-Xatt ta'Xbiex li reġa' beda f' Awissu 2022. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Pulizija:

Dwar aktar kooperazzjoni, l-introduzzjoni tal- pulizija fil-komunità jew dwar sabiex jiżdied l-infurzar għal-aktar sigurtà fit-toroq tal-Imsida.

- LESA:

Dwar aktar presenza ta'uffiċjali korrettivi, infurzar fuq abbużi mil-kostruzzjoni, skart, parkeġġ illegali, monitoraġġ jew infurzar ieħor permezz ta' CCTV installati permezz ta'fondi minn skema tal-stess Awtorità. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Enemalta:

Għal Intervent aktar effettiv fuq rapporti dwar ħsara li jagħmel il-kunsill u dwar ix-xogħol li qed ssir f' diversi toroq lokali biex jingħadu sistemi ta' cables ġodda.

- Greenpak:

Dwar Kooperazzjoni aħjar biex jinġabar skart riċiklat, CCTV ma siti tal-iBins u l- monitoraġġ mill-LESA. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- L-Awtorità għal Ambjent u Riżorsi.

Dwar Avviż Legali 146 tal-2021. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali:

Dwar L-amministrazzjoni tas-sistema localpermit@gov.mt, u l-kuntratt reġjonali għal Ġbir ta'Skart Domestiku.

- L-Awtorità għall-Ippjanar:

Dwar applikazzjoni għal fondi biex ssir il-proġett tal-estensjoni fil-bini amministrattiv tal-kunsill. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

Kuntratturi u Żviluppaturi:

Dwar xogħlijiet , permessi, kundizzjonijiet jew sigurtà go-toroq. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Il-Knisja:

Dwar il- festa u kif tista' ssir aktar kollaborazzjoni. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Għaqdiet kulturali jew sportivi:

Għal aktar parteċipazzjoni attiva u kollaborazzjoni fl-attivitajiet tal-Kunsill jew fuq livell ta'Regjun (Lvant) (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Għaqda tad-dilettanti ta'dgħajjes u sajd:

Dwar kooperazzjoni rispettiva sabiex il-kunsill jamministra b'mod aktar effettiv l-użu tal-Iskall fid-Daħla tal-Imsida skont Leġislazzjoni Sussidjarja 363.163 tal-2011 - K.L.B.L. 41/08/2011 u diskussjoni dwar il-proposti għall-emendi tal-istess Bye laws. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- L-Università ta'Malta:

Biex jinħolqu opportunitajiet li jagħtu lok għal aktar kollaborazzjoni. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Beyond Light ( Visual Non-Visual Network)

Dwar modi kif il-kunsill jista' jassisti kull persuna fi ħdan il-komunità lokali li tkun fil-bżonn tersaq lejn dan in-network. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- CEO għas-servizzi tas-saħħa

Dwar l-użu tal-Berġa. (ssib aktar dettalji fir-rapport)

- Ministri jew Segretarji Parlamentari:

Michael Falzon - Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal,

Rebecca Buttigieg - Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza

Alison Zerafa Civelli - Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali

Dwar sfidi jew diffikultajiet fil-Lokalità li jikkonċerna ir-responsabiltajiet tagħhom.

## 10- Deskrizzjoni ta'ħidma mwettqa.

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali huma definiti f'artiklu 33 tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kapitlu 363). Parti mill-operat ssir mill-privat taħt kuntratti speċifiċi bħal dawk għal tindif ta'toroq, Ġbir ta' Skart domestiku jew il-ġbir Skart Goff li se jingħata aktar dettal dwarhom  il-quddiem. Matul s-sena jsir ukoll xogħol li hemm ħafna minnu ma jidhirx bħal dak li jsir mill-uffiċċju fosthom ħlasijiet ta' kirjiet, rapporti  lill- entitajiet li l-kunsill mhux responsabbli għalihom, koordinament ta' xogħolijiet, tweġibiet ta' ħafna mistoqsijiet Parlamentari u mId- Dipartiment u bosta affarijiet oħra.

***Nota** : Il-kunsill jieħu ħsieb ukoll it-tqassim ta'boroż f'isem il Wasteserv jew il-Greenpak biex jincentiva l-prattika għal għażla tal-iskart. Wara li kien hemm xi żmien fejn il-kunsill ma setgħax iqassam boroż minħabba li ma' kienx hawn, fl-aħħar kwart tas-sena 2022 reġa' beda it-tqassim għal boroż ta'skart organiku filwaqt li għadu mhux magħruf meta jew jekk hux se jkun hemm disponibbli dawk tar-riċiklaġġ.*

Ta' kuljum issir knis u tindif fit-toroq skont kuntratt li kien jipprovdi għal skeda ta' darbtejn fil- Ġimgħa bi tlett Kenniesa. Dan jammonta għal €46,642 bejn l-Imsida u s-Swatar. Kif hemm deskritt fil-pjan ta'ħidma matul is-sena 2022, il-kunsill lokali kompla janalizza u jiddiskuti il-bżonnijiet tal-lokal fejn is-sitwazzjoni li żviluppat ġiet nnotata l-ħtieġa li is-servizz go kull triq għandu bżonn jiżdied bi skeda ta'tlett darbiet fil-ġimgħa b'ħames Kenniesa. Hekk kif il-kuntratt kien qed jasal f'tmiem tiegħu beda il-proċess biex toħroġ sejħa ġdida għal tender li tirrifletti dawn il-bżonnijiet u l-bins pubbliċi li mhux se jkunu inklużi fil-kuntratt Reġjonali għal ġbir ta'skart domestiku. Dan ifisser ukoll l-ispiża għat-tindif ta'toroq se tiżdied b'mod sostanzjali għalhekk il-kunsill qed jaħdem bil-għaqal sabiex issostni dan is-servizz u joffri kwalità aħjar.

Servizz ieħor huwa il Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda €143,390.19) u ta'skart organiku (borża bajda €101,978.94) li ssir skond l-iskeda flimkien ma' tipping fees relatati (€74.498.21) għat-tunnellaġġ ta'skart miġbur li huwa separat mill-spejjez għal kollezzjoni. Dan jammonta għal total ta' €319,867.21,  liema spejjez għal skart organiku jiġu mħallas lura minn Wasteserv. Jiġifieri total ta' infieq għall-Imsida u Swatar huwa dak tal-borża mħallta flimkien mat- tipping fees li jammonta għal €217,888.4.Tabella 9 tagħmel paragun ta'tunellaġġ miġbur fis-sena 2022 ma' sena preċedenti li turi żieda fit-tunellaġġ miġbur.

Minħabba li l-kuntratt għal ġbir tal-Iskart domestiku (€365 għal kull ġabra) kien se jagħlaq fl-4 ta'Ġunju, fuq struzzjonijiet tad-dipartiment għal-Gvern Lokali intalbet stima (€690 għal kull ġabra) li ġiet approvata biex il-kuntratt ikun jista' jiġġedded sakemm il-kuntratt Reġjonali ikun jista' jidħol fis-seħħ li kien f'Jannar 2023.

Tabella:9




Matul is-sena 2022, intlaqgħu 8,431 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (Bulky Refuse) minn wara l-bibien tad-djar Residenzjali li kif turi it-tabella 10 kompla jżid fid-domanda;




Dan huwa servizz li kien qed jingħata 3 darbiet fil-ġimgħa, li jammonta għal €27,355. Kif l-kuntratt preċedenti għal ġbir tal-Iskart goff li kien estiż għal xi xhur ġie fi tmiem tiegħu. *Nota-Il-proċess tal-Offerta għat-tender kellu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż l-appell li kien hemm mal- Public Contracts Review Board u wara l-appell ieħor li sar mal-qorti li ġġudikaw favur il-kunsill*

B'seħħ minn f'Ottubru daħal kuntrattur ġdid, il-Kunsill ħa ħsieb biex dan is-servizz jipprovdi għal ġabra aktar fil-ġimgħa jiġifieri kull nhar ta'Tnejn,

Ħamis, Ġimgħa u Sibt. Ma dawn il-ġranet hemm ukoll provdut biex jekk ikun meħtieġ fil-ġurnata tal-Erbgħa ssir rotta mal-Lokali ta' skond fejn ikun hemm rapporti dwar oġġetti mormija fit-triq b'mod abbużiv (Fly Tipping) filwaqt li kull nhar ta'Tlieta ssir ġabra għal Weee.

Ġbir ta' skart għal- riċiklaġġ (borża ħadra) ssir skond l-iskeda. Dan huwa servizz li jingħata darba fil- ġimgħa taħt skema b'ftehim bejn il-Greenpak mal-Kunsill Lokali li kien provdut sal-aħħar tas-sena 2022 fejn inġabru 494.9 tunnellata skart għal- riċiklaġġ li kif turi it-tabella 11 kien hemm tnaqqis fl-ammont ta' tunellaġġ miġbur. Matul is-sena 2023 din l- iskema daħlet fi ftehim ġdid mal-Kunsill Reġjonali Lvant li kif ġie spjegat aktar qabel qed jamministra il-kuntratt għal ġbir ta'skart domestiku b'seħħ minn Jannar 2023.

Tabella:11




Matul is-sena 2022 intlaqgħu 2,294 talba għal ġbir ta oġġetti tal-elettriku jew batteriji – WEEE minn wara l-bibien tad-djar residenzjali. Kif spjegat aktar qabel dan huwa servizz li jingħata darba fil-ġimgħa li kif turi t-tabella 12 kompla jżid f'domanda.

Tabella:12



Kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar, jsir ġbir ta' ħġieġ minn wara l-bibien, tad-djar residenzjali li huwa wkoll provdut taħt l-iskema tal-Greenpak u matul is-sena 2022 inġabru 52.04 tunnellata ta' ħġieġ li kif turi it-tabella 13 kompla jżid l-ammont ta'tunellaġġ.

Tabella:13




Hemm ukoll il-faċilitajiet tal-Bring in Sites (BIS) go Triq is-Swatar,Triq L-Irmiġġ u Victor Denaro li huma ġestita taħt l-iskema tal-Greenpak.

Kif turi it-tabella 14 matul is-sena 2022, l-ammont ta'tunellaġġ għal tlieta minn erba' kategoriji kompla jżid waqt li l-plastic juri tnaqqis li seta' kienu affettwata mill- introduzzjoni tar- Reverse Vending Machines.

Tabela:14




Matul is-sena 2022 il-Kunsill Lokali kellu diskussjonijiet ma' rappreżentant tal- BCRS għal introduzzjoni ta' Reverse Vending Machines go l-Imsida, fejn il-Kunsill għamel il-proposti tiegħu biex iż-żewġt magni offruti jkunu installati ħdejn il-Bring in Site go Wesghet il-Kunsill Lokali k/m Triq L-Irmiġġ u hdejn is-sit go Triq tas-Swatar. Kif kien mħabbar l-skema bdiet mill-14 ta' Novembru fejn beda jinżamm depożitu ta' €0.10ċ bħala ammont separat mill- prezz tax- xorb li huma parti mill- iskema. Id-depożitu jiġi miżjud mill- Produtturi u l-Importaturi lill- bejjiegħa tal- merċa u lill- istabbilimenti tal-catering fl-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa, u jiġi trasferit lil BCRS Malta. Sussegwentement, il-bejjiegħa tal-merċa jitolbu d-depożitu mingħand il-konsumatur fejn Il-valur tad-depożitu m'għandux

ikun soġġett għall-VAT u għandu jkun indikat b' mod ċar bħala ammont separat mill- prezz tax- xarba fuq l-irċevuti u l-fatturi kollha. Il-Kunsill lokali mal-ewwel beda jinnota li l-skema ġabet bidla fl-attitudni ta' l-individwi fejn kien osservat li dik li kienet waħda mill-pjagi u problema kbira ta'rimi bl-addoċċ fit-toroq tal-Lokalità fi żmien ta'ftit ġranet kważi għebet. Għalkemm il-kunsill ma'jistax iqabbel kif sejra l-iskema ma' ċifri tas-sena preċedenti xorta qed jieħu ħsieb biex jiġbor il-kwantitajiet li ġew depożitati fil-magni msemmija sal-31 ta'Diċembru 2022.

| **A10103-Swatar Hub** | **155,768** |
|---|---|
| Aluminum | 37,085 |
| Glass | 10,114 |
| PET-clear | 94,885 |
| PET-colored | 4,885 |
| PET-light blue | 7,976 |
| Steel | 823 |
| **A10104-Msida Hub** | **106,514** |
| Aluminum | 37,537 |
| Glass | 9,184 |
| PET-clear | 52,257 |
| PET-colored | 1,975 |
| PET-light blue | 4,832 |
| Steel | 729 |

Kompla għaddej ukoll ir- RoadShow li hija kampanja mill-kumpanija WasteServ biex iżżid l-isforz għat-tkabbir tar-rata ta'riċiklaġġ u biex jonqos aktar l-iskart mill-miżbla permezz ta' użu minn trakk sabiex jippromwovi prattiki sostenibbli tal-iskart, b'enfasi speċifika fuq is-separazzjoni tal-iskart b'mod aktar effettiv u effiċjenti.




Kif issemma aktar qabel il-Kunsill Lokali L-Imsida ħa diversi inizjattivi sabiex ikun hemm aktar għajnuna mill-Gvern Centrali jew biex japplika għal allokazzjoni ta' fondi minn skemi imnedija mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy fi Ħdan id-Dipartiment għal Gvern Lokali (**SPI**) jew fondi għal kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali Lvant (**FKRL**) jew Entitajiet, Aġenziji jew Dipartimenti oħra li minn hawn il-quddiem se ssir referenza għalihom b' abbrevjazzjoni kif muri jew bl-isem skont l-każ.

Matul is-sena 2022 ġew installati numru ta' CCTV go zoni definiti bħala hotspots għal abbuż ta'rimi ta'skart li mhux skond l-iskeda jew mhux kif suppost skond L.S 549.40 li tgħid li l-iskart ma'jistax jintrema f'zona pubblika għalhekk dan irrid ikun biss quddiem ir-residenza ta'min qed jarmi fil-ġurnata u perjodu speċifikat fl-iskeda tal-ġbir. Dawn saru go Triq

Victor Denaro k/m F.S Caruana, Triq Kunċizzjoni k/m it- Torri, Ċirku Msida, Triq il-Kunzar, Triq tal-Hriereb k/m Nazju Falzon , Triq Box Box, Triq Oscar Zammit k/m Misraħ il-Barrieri ,Triq il-Qawsalla li ġew parti finanzjati (75%) mill- fondi LESA għall-Proġetti fil-Komunità (€16,000). Ġew installati ukoll tlett CCTV finanzjati mill- Greenpak mal-bring-in-sites ta' Triq is-Swatar, Triq Victor Denaro u Triq L-Irmiġġ. Kull CCTV hija taħt is-sorveljanza tal-LESA li mill-informazzjoni mgħoddija sa l-aħħar tas-sena kien hemm indikazzjoni li saru 229 taħrikiet, filwaqt li l-Kunsill Lokali qed jiffinanzja l-spejjez tal-operat kollu (stmat €4945.68 fis-sena) li jikkonsisti fil-kera għal meter tad-dawl, il-konsum u l-Wifi għal kull sit imsemmi.







Saru ukoll numru ta' laqgħat ma' rappreżentanti għall-Awtorità Ambjent u Riżorsi fejn kien hemm involut ukoll il-President tal-AKL dwar Avviż Legali 146 tal-2021 u għal liema raġuni l-kunsill naqas li jipprovdi lista ta' Recycling Points (Bring in Sites) ġodda għal kull 2000 abitanti. Il-Kunsill Lokali spjega fid-dettal ir-raġunijiet rigward dawn l-iBins li fi tlett siti li diġà hemm qed issir abbuż kbir tant li fi ftit żmien saru siti għal rimi ta' kull tip ta'skart filwaqt li hemm ukoll nuqqas ta'għassa jew infurzar effettiv minn uffiċjali tal-Era li minkejja numru sostanzjali ta' rapporti li qed isiru mal-awtorità din baqgħet tinsisti sabiex l-Kunsill Lokali jinvesti f' aktar CCTV kameras għass-siti ġodda li għandhom issiru fejn ġa hemm sistemi ta' Wifi u netwerk elettriku jew tadotta alternattiva solari sabiex jiġu installati fil-periferija tal-Imsida u s-Swatar. Għalhekk il-Kunsill Lokali ġibed l-attenzjoni li ma'għandux il-funzjoni bħala awtorità għal-infurzar u lanqas

l-allokazzjoni finanzjarja għal dan l-iskop iżda l-ERA sal- ġurnata ta'dan ir-rapport għadhom ma taw l-ebda tweġiba jew soluzzjoni dwar dan l-aspett.




Minkejja dan il-kunsill xorta kien ippropona fejn jistgħu jsiru żewġt siti oħra go Triq J. Borg l-Imsida u Triq Dun Gorg Preca go Swatar li ġew mgħoddija għal kunsiderazzjoni tal- operatur iżda l-kunsill infurmat li dan sab u indika numru ta'restrizzjonijiet biex dawn ikunu mħaddma.

Matul is-sena 2022 il-Kunsill Lokali applika u ġab fondi €697.65 minn skema SPI.SCI.07.2022 sabiex jieħu ħsieb jorganizza tindif fejn il-ġibjun bħala parti mill-Kampanja 'Clean up the World. Huwa ta'sodisfazzjon meta il-Kunsill Lokali jsib residenti fosthom ukoll numru sabiħ ta' membri minn komunitajiet barranin li joffru li jagħtu is-sehem tagħhom.




Fost servizzi oħra li joffri il-kunsill permezz ta'kuntratt hemm it-tindif u kura tal- ġonna inkluż taħwil ta' pjanti u arbuxelli li l-infieq għas-sena 2022 kien jammonta għal €57,960.



Issir ukoll tiswijiet u bdil ta' bozoz fejn ikun hemm bżonn, b'total ta' infieq għas-sena 2022 kien ta' €31,363 .



Issir ukoll xogħol ta'rutina għal manutenzjoni ġenerali ġo l-Imsida u s-Swatar mill-ħaddiema assenjati. Dan ikun pjanat jew għax ssir talba mir-residenti kif indikat qabel f' tabella 7. Dawn ix- xogħolijiet jinkludu refreshing tas-sinjali tat-toroq li jsir skond skeda ta' xogħol matul is-sena li tkopri l-Imsida ma' Swatar (Msida) kollha, xogħol ta' patching, twaħħil ta' tabelli, gbir ta'skart mormi li ma'jkunx jista' jinġabar mil- kuntratturi u affarijiet oħra skond il-ħtieġa bħal eżempju tindif ta' kulverts jew tal-ilma

tal-Għajn tal-Ħasselin mill-ħażiż jew materjal ieħor li jispiċċa fiha wara il-maltemp.



Ma dan hemm ukoll manutenzjoni li ma' tistax ssir mill-ħaddiema assenjati għalhekk ikun imqabbad il-kuntrattur għal xogħol  relatat ma'kostruzzjoni ta'ħitan jew konkos fejn bżonn jew manutenzjoni aktar wiesgħa bħal eżempju l- bankina go Triq Esperanto li kienet f'stat ħażin ħafna. Din  ġiet ko-finanzjata min fondi (FKRL) għal proġetti  ta'titjieb fil-Lokalità (€35,000) u  (€259.51) min fondi lokali. Ma dawn hemm bankini oħra li għalihom lejn l-aħħar tas-sena beda jiġi mplimentat pjan ta' intervent f'bosta toroq permezz ta' kisi tal-wiċċ jew bdil ta'kurduni fejn meħtieġ sabiex dawn jibqgħu fi stat tajjeb sakemm jasal iż-żmien li Infrastructure Malta tkun tista' tagħmel ir-rikostruzzjoni ta'triq u l-bankina inkluż il-mgħoddija tas-servizzi li ma'jaqax taħt il-funzjoni tal-Kunsilli Lokali għax huma r-responsabiltà ta' Aġenziji jew dipartimenti tal-Gvern oħra. (ssib aktar dettalji fir-rapport)



Matul is-sena 2022 ġie komplut ix-xogħol li kien qed ssir bi ftehim ta'għajnuna mill- MPWP-PWD fuq il-funtana go Triq D'Argens u bdiet taħdem. Sar wkoll xogħol mandatorju ta' ħadid mad-dawra tal-funtana bħala miżura ta' saħħa u sigurtà € 931. Fl-istess ftehim hemm ukoll inkluż xogħol fil-funtani tal-Monument tal-Ħaddiem fejn kien hemm ħsara fir-riserva tal-ilma li għalija għaddejjin preparamenti biex jiġu installati tankijiet biex iservu l-iskop.



Permezz ħaddiema tal-MTIP sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-fanali li hemm fuq iz-zuntier tal-knisja. Il-kunsill ħa ħsieb l-ispiża (€480.74) għal cherry picker u (€70) għal-uffiċjal meħtieġ biex tingħalaq triq il-Parroċċa.



Matul is-sena il-kunsill bħal snin oħra talab l- għajnuna permezz ta' xogħol ta'manutenzjoni li sar f'Misraħ San Guzepp u Misraħ 5 ta'Ottubru minn ħaddiema tal-FTZD filwaqt li l-materjal għax-xogħol kien provdut mill-kunsill .



Il-kunsill lokali kien għamel applikazzjoni bi proposta għar-restawr tal-Għajn tal-Ħasselin taħt skema SPI/SCI/1/2021 - imfassal għal l- istess skop f' postijiet jew Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021, li kwalifikat għal fondi. Matul is-sena 2022 saru diversi laqgħat mal-perit inkarigat dwar x' hemm bżonn ssir minn barra kif ukoll minn ġewwa inkluż surveys neċessarji sabiex l-applikazzjoni tiġi preżentata għand il-PA li ġa approvat il-permessi relatati sabiex jibda ix-xogħol fuq il-proġett li diġà qed jiġi mplimentat.



Proġett ieħor li sar kien go Triq Guzeppi Calleja s- Swatar (€28,821.01) li kien parti ffinanzjat (€15,274.50) permezz ta' skema għal fondi SPI / 3 /2020 relatat mal-kunċett ta' Slow Streets li kien jinkludi wkoll xogħol ta'manutenzjoni fuq bankina għax ma’ kienetx konformi ma’regolamenti jew kriterji tas-CRPD. Meta inbeda, il-WSC talbet biex issir intervent ta'rikostruzzjoni minħabba il-*household service connections*. Wara li l-kunsill kjarifika li kien mexa kif stabbilit minn TM mal-proċeduri għal xogħol fit-toroq, il-WSC aċċettat li tiffinanzja x-xogħolijiet relatati mat-talba li għamlu.



Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb biex jeħel apparat ġdid fil-bandli tas- Swatar minflok l- istruttura li ġiet żarmata minħabba ħsarat kawżati min atti vandali ta'wħud. B'kunsiderazzjoni biex ikun hemm aktar aċċess saret ukoll bandla għal użu minn tfal b'bżonnijiet oħra. Ma'dawn inbidel id- dawl eżistenti filwaqt li ġiet installata wkoll sistema ta ' CCTV ġdida (€19,764.63). Parti mill- finanzjament kien allokat minn skema SPI.SCI.2.2021 (€9,942.13). Filwaqt li ma' hemm xejn isbaħ minn ambjent fejn it- tfal tagħna jkunu jistgħu jgawdu ftit tal-ħin jilgħabu ma' tfal oħra. Qed Isir appell għal sens ta'responsabiltà sabiex kull post pubbliku jinżamm sigur u bla periklu.



Bla dubju wieħed mill akbar impenji li kellu il-kunsill lokali L-Imsida kienet il-konsultazzjoni dwar il-proposti ġodda għal proġett tal-Imsida Creek li ġew preżentati f'Ottubru fejn is-suġġett ġie diskuss f'numru ta'seduti tal-kunsill, waqt laqgħat ma' rappreżentant tal-IM u oħrajn mal -għaqdiet lokali biex ikun magħruf il-bżonnijiet tagħhom fl-ispazju pubbliku muri. Tajjeb wieħed isemmi li din il-ħidma qed tkompli matul is-sena 2023 biex tilħaq ukoll ir-residenti.



Kompliet ukoll għaddejja il-ħidma ta' koordinazzjoni ma' Infrastructure Malta biex jitkompla l-programm ta' rikostruzzjoni għal l-ewwel grupp ta' toroq residenzjali fejn ġie konkluż ix-xogħol go Triq Santa Venera u ingħata bidu għax- xogħol ta' rikostruzzjoni go Triq tal-Qroqq u ta' Triq Bieb it-Torri. Ma dawn beda jsir xogħol fuq is-servizzi ġenerali go Triq l-Irmiġġ, Triq Clarence u parti min Triq il-Baċir li se jwassal biex it-tarmak u l-bankini ikunu saru mill-ġdid ukoll.



Ġiet diskussa ukoll iċ-ċirkolari li l-Aġenzija bagħtet lil Kunsilli Lokali dwar toroq urbani li jistgħu jkunu inklużi mal-pjan ta' ħidma 2023-2025 fejn intalbet indikazzjoni ċara tat-tip ta' intervent skond il-kriterji indikati, fosthom jekk hemm lok għal spazji ta' *activity mobility* skond kif spjegat fl-istess ċirkulari mibgħuta li tispeċifika l-allokazzjoni annwali indikata sa' 7,000 metru kwadru jew 21,000 metru kwadru ta' toroq fuq tlett snin. Għalhekk l-Kunsill Lokali l-Imsida ppreżenta lista bil-proposti ta'toroq li jinkludu

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Triq Upper Rue Dargens | 91.60 | 7.82 | 716.31 |
| 2 | Triq San Lwigi | 372.90 | 10.30 | 3,840.87 |
| 3 | Triq C De Brocktorff | 219.10 | 8.46 | 1,853.59 |
| 4 | Triq E.H. Furse | 59.10 | 7.38 | 436.16 |
| 5 | Triq l-Isqof Caruana | 246.30 | 8.42 | 2,073.85 |
| 6 | Triq H. Calleja Schembri | 91.90 | 9.29 | 853.75 |
| 7 | Triq Mons Dandria | 256.70 | 7.65 | 1,963.76 |
| 8 | Triq il-Knisja | 280.20 | 6.56 | 1,838.11 |
| 9 | Triq Makna tas-Serrar | 387.30 | 7.02 | 2,718.85 |
| 10 | Triq it-Tabib Naudi | 226.00 | 7.79 | 1,760.54 |
| 11 | Triq Antonio Sciortino | 221.60 | 6.93 | 1,535.69 |
| 12 | Triq J. Borg | 286.00 | 6.71 | 1,919.06 |
| | ***Total*** | ***2,738.70*** | ***94.33*** | ***21,510.52*** |

| | |
|---|---|
| Aproximate Area in sq meter of proposed streets | 21,510.52 |
| 7,000 sq meter allocated by Infrastructure Malta p.a X 3years | 21,000.00 |
| Over or Under in square meters with allocation | 510.52 |

Matul is-sena 2022 saret laqgħa ma'uffiċjali għal Ambjent Malta dwar il-possibilità li ssir xogħol ta' tisbiħ ġol-ġnien ta' Misraħ San Guzepp li għalih il-kunsill lokali kien ġa ħadem fuq pjanti li saru fil-leġislatura preċedenti. F'Ottubru dan il-pjan ġie eskluż minħabba li Infrastructure Malta ħabbret il-proposti ġodda għall-proġett tal-Msida Creek.

l-kunsill ilu jiddiskuti minn żmien għal ieħor kif jista' ssir ċertu xogħol ta'tisbiħ fir-round about li hemm f' Ċirku tal-Imsida u kien ukoll għamel applikazzjonijiet għal fondi taħt Skema ta' Ekoloġizzazzjoni Urbana tal-Kunsill Lokali 2022 liema proposta ma' kienetx kwalifikat. Għalhekk meta ħarġet l-skema SPI/SCI/9/2022 saret applikazzjoni bi proposta għal proġett akbar li kwalifika għal fondi (€52,000) bħala parti mill- finanzjament (85%) tal- ispiża totali li huwa pjanat li jibda jiġi mplimentat matul is-sena 2023.






Skema oħra li l-kunsill applika għalija b'suċċess kienet SPI/SCI/5/2022 dwar finanzjament relatat ma' xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani liema proposta kienet biex targa ssir il-funtana li kien hemm go Pjazza Victor Denaro li kienet suġġett għal vandaliżmu u sabiex ma'tibqax reċipjent għal kull tip ta skart inbidlet fi planter. Din se tkun implimentata fis-sena 2023.







Il-kunsill lokali ħa wkoll ħsieb jipparteċipa fil-kompetizzjoni marbuta mal-*European Mobility Week*, b' applikazzjoni għal fondi (€50,000) bi proposta li ġiet approvata għal miżura permanenti ta' mobbilità sostenibbli li tipprovdi servizz ta' *shuttle* li jkun affidabbli, sikur u sostenibbli billi tiġi wżata vettura elettrika biex tittrasporta n-nies lejn post u lura bejn punti ta' tluq u ġbir magħżula li jinsabu fiċ-ċirku ta' ġewwa tal-Lokalità li ma tkunx moqdija mis-sistema nazzjonali tat-trasport pubbliku f'intervalli regolari. L-ewwel parti tal-implimentazzjoni li hija is-sejħa għal tender ta' akkwist tal-vettura ġie konkluż sa Diċembru 2022 filwaqt li l-kumplament tal-proġett sabiex jibda jopera is-servizz mistenni jkun konkluż matul 2023.






Sfida oħra li qed tkompli tikber hija l- e-scooters u l-inkonvenjent li qed iġibu għalhekk il-kunsill iddiskuta bosta drabi din il-problema kemm fuq livell lokali u anke dak Reġjonali fejn Regjun lvant sejjaħ laqgħa apposta u nieda *press release* filwaqt li bdew għaddejjin ukoll diskussjonijiet fuq livell Nazzjonali mill-AKL u mill- awtoritajiet konċernati sabiex ikun hemm regolamenti ċari.




Kull sena id-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita' iniedi skema ta' kollaborazzjoni sabiex ir-residenti jingħataw opportunitajiet' ta' tagħlim kontinwu fir-Reġjun jew Lokalità' tagħhom.

Dawn huma korsijiet ta' livell bażiku li jwasslu għall-kwalifika fl-ewwel u t-tieni livell fil-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki (M.Q.F. Level 1 and 2). Għas-sena "Life Long Learning 2022/2023" il-kunsill ipparteċipa taħt skema SPI.SCI.4.2022 sabiex ikun offruti korsijiet b'suġġetti tal-Malti, Malti bħala lingwa għal barrani u l-Ingliż.

B'kollaborazzjoni mal- Università ta' Malta u l-programm European University of the Seas - Saret laqgħa online mar-rappreżentanti tal-Università bil-għan li ssir MOU li jwassal biex jiġu żviluppati r-relazzjonijiet formali mal-Lokalità li ilha aktar minn 50 sena tospita l-kampus ewlieni tal-Università ta' Malta. Waqt il-laqgħa ġew diskussi numru ta' proposti għall-kollaborazzjoni bejn l-Università ta' Malta u l- Kunsill Lokali tal-Imsida li jistgħu jwasslu għal sensiela ta' inizjattivi, fosthom kon diviżjoni tad-data minn studji magħmula minn studenti universitarji li jinkludi l-Imsida jew li jkunu rilevanti għall-Kunsill. Is-Sindku rrappreżentat lil l-Imsida f' żewġt konferenzi li saru ma' bliet maġenb il-baħar fejn hemm l-Universitajiet rispettivi tagħhom.

Matul is-sena 2022 , il-kunsill xtara kotba bil-Malti biex jingħataw lit-tfal li jattendu l-iskola primarja tal- Lokalità. Għal dan il-għan intgħażel il-ktieb "Karmelu tar-Raħal t'Isfel" miktub mis-Sur Charles Buttigieg li jiġbor fih stejjer li juru l-hajja tat-tfal fiż-żmien ta' wara l-gwerra u joħloq tifkiriet ukoll lil adulti li kienu jgħixu f'dawn iż-żminijiet. Minħabba bosta attivitajiet u il-vakanzi tal-Milied il-preżentazzjoni tal-kotba lit-tfal fl-iskola ġiet posposta għal bidu tas-sena 2023.




Inizjattiva oħra tal-kunsill għal membri tal-komunità jew impjegati u lill familjari tagħhom kienet biex ikun provdut servizz għal manutenzjoni ta' Laptop jew PC ( €5,000 ) li jinkludu pakkett b'servizz ġenerali, tindif fiżiku,

iffarmattjar mill-ġdid, tneħħija tal-virus u installazzjoni ta' software kontra l-virus.







Matul is-sena 2022 il-kunsill Lokali ikkonkluda il-verżjoni elettronika tal-pubblikazzjoni Għal- Għonq it-Triq li tinkludi wkoll dehra 360° tat-toroq tal-Imsida. Dan il-proġett kien parti ffinanzjat (85%) minn fondi taħt skema SPI/SCI/3/2021, għal Attivitajiet Kulturali Annwali (€5000) fejn l-ispiża totali kienet ( €5,841 )




Bħal snin preċedenti ma'setax jonqos li ma jissemmewx l-applikazzjonijiet għal żvilupp li qed jkun hemm mal-awtorità għal ippjanar fejn huwa osservat li ma'tantx qed ikun hemm kunsiderazzjoni għal problema tal-parkeġġ sakemm l-applikant iħallas il-penali skond il-policies eżistenti. Għalhekk il-kunsill qed iħares lejn kull applikazzjoni ġdida li qed tkun preżentata biex jara fejn huwa possibbli li jagħmel l-oġġezzjoni għan-nuqqas ta' parkeġġ provdut jew li se jintilef.

Sa mill- 2017 fil-leġislatura preċedenti kien hemm laqgħat u konsultazzjoni mal-iżviluppatur relatat ma' proġett ta' kostruzzjoni privata li qiegħed ssir

go Triq l-Irmiġġ u Triq tal-Għeriebel dwar parti mill-binja li kien hemm bżonn li tinħatt biex flokha seta' jsir dan l-iżvilupp fejn parti mill-permess kien jinkludi proposta li din tkun trasferita (mibnija) bħala attrazzjoni go pjazzetta ġdida li trid ssir għas-spejjez tal-istess żviluppaturi. Il-Kunsill Lokali kien għamel oġġezzjoni dwar l-aċċess tas-substation li fil-pjanta oriġinali kienet se ssir go dan il-bini, iżda mbagħad ġiet proposta biex ssir taħt din il-pjazzetta. Din l-applikazzjoni ġiet korretta permezz ta' PA/00886/20 fejn kien żgurat li l-żviluppaturi jżommu mal-kundizzjonijiet li għamel il-kunsill fl-2017 għal dan l-ispazju pubbliku. Dan l-żvilupp wasal ukoll sabiex ssir konnessjoni ma'Triq Dun Andre li twassal għal Triq il-Wied tal-Imsida



F'Jannar 2022 ġiet implimentata fis-seħħ is-sistema ta'one way (l-isfel) go Triq San Andrija minn Triq tas-Swatar direzzjoni lejn Mons Innocenz Zammit li parti minnha sa k/m Triq Dijonisju Famucelli ġiet ukoll implimentata l-istess sistema.

Matul is-sena 2022 il-kunsill lokali kellu bosta laqgħat fuq il-post mal-periti u rappreżentanti tal-GHRC dwar ix-xogħolijiet fuq il-proġett tal-promenade go Triq ix-Xatt Ta' Xbiex. Saru wkoll laqgħat ma' Transport Malta (tal-Linja ) biex jonqos wieħed minn żewġt bus stops li kienu wisq viċin ta'xulxin.



F'Mejju ta'2021, il-kunsill kien infurmat li l-WSC kellu jwaqqaf il-kuntrattur li kien inkarigat u jingħata bidu għal- proċess ieħor biex jingħata l-kuntratt ġdid sabiex jitkompla ix-xogħol fuq il-proġett ta' drenaġġ go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex. Għalhekk kien hemm  laqgħat ta'konsultazzjoni dwar meta jista' jibda il-proġett u koordinazzjoni minħabba il-perjodu tal-festa kif ukoll minħabba l-proġett tal-promenade li kien għadu għaddej.

Għal bosta snin sa minn qabel beda ix-xogħol go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex għat-tqegħid ta' netwerk ġdid tad-drenaġġ mill-WSC u l-promenade mill-GHRC, il-kunsill lokali kien qed jiġbed l-attenzjoni rigward is-sistema għall-ilma tax-xita fid-dawl li dawn ix-xogħlijiet ma' kienux inkluża fl-ebda wieħed minn dawn il-proġetti separati. Għalhekk saret ħidma intensiva ma' taqtax permezz ta' diversi komunikazzjonijiet u laqgħat ma' entitajiet konċernati sabiex  issolvi l-kwistjonijiet ta' għargħar minħabba l- kulverts l-instabu mblukkati bil-konkrit. Dan ix-xogħol li jinvolvi spiża ta' kapital elevat li jinkludi trinek għal-kanali tal-ilma tax-xita ġodda  minflok dawk eżistenti liema tip ta' xogħol ma' jaqax fir-responsabiltà tal-kunsill lokali li qed jinsisti mal-MPWP biex dan il-proġett jibda fl-iqsar żmien possibbli qabel ma' jingħata it-tarmak mal-konklużjoni taż-żewġt proġetti l-oħra msemmija.




Hemm ukoll meta  il-Kunsill ikollu jagħmel dak li ma'jkunx jixtieq bħal meta daħlu bosta rapporti u l-menti mir-residenti li joqgħodu mad-dawra ta' Pjazza Victor Denaro  dwar persuni bla saqaf li qed jużaw il-bankijiet bħala sodda u jorqdu fuqhom u raġunijiet oħra li  kien qed iwassal għal

sitwazzjoni ta'inkonvenjenza għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni biex dawn jiġu żarmati.

Matul is-sena 2022 kien hemm komunikazzjoni ma'CEO għas-servizzi tas-saħħa biex jiġi diskuss x'jista' ssir dwar il-Berġa li mill-Covid 19 ftit li xejn baqgħet tintuża ħlief għal *speech therapy*. Waqt laqgħa fuq il-post kien spjegat li l-kmamar offruti fil-mument huma żgħar u limitata għal bżonnijiet tas-servizzi tal-lum u minħabba l-istandards rikjesti għall-Bereġ, għalhekk il-kunsill qed jikkunsidra dawn fil-pjanijiet għal iżvilupp tal-estensjoni tal-bini amministrattiv. Ma'dan kollu l-kunsill baqa' jirsisti li mill-bini amministrattiv għandu jibqa' jiġi offrut is-servizz tal-injezzjoni għal influwenza flimkien mar-raba doża tal-vaċċini għal min irrid.




**<u>Affarijiet Oħrajn</u>**

Il-kunsill Lokali ħa ħsieb l-organizzazzjoni tat-tieni parti minn programm tal-EU, CERV "Europe for Citizens". Dan il-programm ġestit mill-Muniċipalità ta' Knezha fil-Bulgarija permezz ta' fondi mill-EU jittratta Diversita u Integrazzjoni, liema konferenza saret Malta bejn is-16 u 18 ta' Frar 2022. Għal dan l-avveniment internazzjonali attendew delegati minn 16-il pajjiż/muniċipalità oħra tal-UE li huma s-Slovakkja, l-Ungerija, il-Latvja, l-Italja, ir-Rumanija, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Estonja, il-Polonja, il-Ġermanja, il-Portugall, Ċipru, Franza & l-Iżvezja.






Dan kien jinvolvi minn naħa tal-kunsill, li jorganizza l-programm, loġistika, l-arranġamenti għal-kirja tas-swali, kelliema, mementos. u affarijiet oħra li ġew f'finanzjata (€1,991.10) permezz ta' fondi għal-kollaborazzjoni(FKRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u baned. Dan il-programm ġie fi tmiem f' Settembru, fejn il-Kunsill dejjem kien preżentat mis-Sindku jew Kunsillier.

Saret stedina għal sħubija mill- BTIN li huwa Netwerk tal-Bliet u Gżejjer fil-Fruntiera u huwa magħmul biss minn awtoritajiet lokali ta' bliet li jinsabu fil-fruntieri Ewropej jew li huma fost l- ewwel li jirċievu jew joffru residenza lil dawk li jfittxu l-ażil, din is-sħubija tipprovdi opportunitajiet lill- Imsida biex ssaħħaħ is-sħubija tagħha mal- kunsilli ta' bliet oħra li qed jiffaċċjaw sfidi simili; tkompli ssemma' t-tħassib tagħha kemm f' Malta kif ukoll fl-Ewropa; tibni l- kapaċitajiet tagħha biex tipprovdi soluzzjonijiet fejn jirbaħ kulħadd għal- komunitajiet tagħha; taqsam il- prattiki tajba tagħha stess fuq livell nazzjonali u internazzjonali; U iżżid l-opportunitajiet għall-aċċess għal-finanzjament mill- Unjoni Ewropea jew minn sorsi oħra biex jimplimentaw proġetti, flimkien mas- sħab Ewropej.

Matul is-sena 2022 ingħata bidu għal proċess biex il-kunsill lokali japplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm CERV sabiex ssir Ġemellaġġ ta' kollaborazzjoni mar- raħal ta' Buscemi go Sqallija li huwa pjanat iseħħ matul is-sena 2023.

Fis-27 ta' Frar saret attività sportiva (one day football tournament) mill-Imsida St Joseph Football Club ġewwa Kulleġġ San Gorg Preca Education Hub bi skop li jinġabru fondi sabiex membru mill- Komunità Nepaliża f'Malta li tilef ħajtu f'aċċident traġiku, jintbagħat lura pajjiżu u jsirlu funeral xieraq. Il-Kunsill Lokali esprima s-simpatija u appoġġ għal-sforzi f'għajnuna loġistika tul l-attività li tinkludi mobile toilets u self ta'bins għal-iskart .




Matul is-sena 2020 il-kunsill Lokali kien applika għal fondi (€10,000) Permezz ta'Skema 6 għal attività kulturali li dak iż-żmien kienet imnedija minn kif kien magħruf il- Kunsill Reġjonali Ċentru sabiex ssir xiri ta'sett vari

tal-Ġimgħa mqaddsa fuq perjodu ta’żmien bl-iskop li tkun imsaħħa l-kultura Maltija billi tibda ssir il-purċissjoni tat-tfal fl-Imsida (€378.50) .






Din kienet parti finanzjata min fondi (FKRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika ,Jum il-Lokal u baned u din saret l-ewwel darba nhar it-13 ta’April 2022 b`kollaborazzjoni mal-iskola primarja tal-Lokalità`.

Fl-istess żmien saret ukoll Wirja Sagra tal-Ġimgħa kbira fil-Kunsill Lokali L-Imsida (€488.30). Dawn kienu parti finanzjata min fondi (FKRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika ,Jum il-Lokal u baned. Kienet ħasra li attività oħra (il-mixgħela) pjanata ġiet imħassra minħabba it-temp ħażin.








Laqgħa oħra li saret kienet ma' rappreżentat għal- Beyond Light (Visual Non-Visual Network) li hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ magħmula minn grupp ta' diversi NGOs li kollha għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni u referenzi dwar l-għajxien b'indeboliment tal-vista fejn ġew diskussa modi kif il-kunsill jista' jassisti kull persuna fi ħdan il-komunità lokali li tkun fil-bżonn tersaq lejn u minn dan in-network li jista' jgħin billi jippromwovi t-talent li jiżviluppaw dawn il-persuni.

Fil-11 ta' Mejju ġie iffirmat MOU biex tkun iffurmata sħubija għall-iskop biex ikun offrut bla' ħlas, appoġġ edukattiv u akkademiku wara l-iskola lit-tfal.






Dan jippermetti lill-Optimist Club (Malta) biex topera fil-bini amministrattiv tal-kunsill u juża xi utilitajiet nhar ta' Tnejn u l-Ħamis biex timplimenta l-Proġett Ikber Magħna ġol-Imsida li jikkonsisti prinċipalment f'assistenza biex jgħin lit-tfal ta' bejn it-8 u l-10 snin fis-suġġetti tal-iskola tagħhom filwaqt li jkollhom ħin biex jissoċjalizzaw bejniethom, jaqraw u jilgħabu.

Fis-17 ta' Mejju 2022 saret laqgħa introduttorju b'tema Nilħqu l-Komunitajiet tal- Immigranti organizzata mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem mal-Kunsill Lokali tal-Imsida go l-uffiċju amministrattiv. L-iskop tal-laqgħa kien biex tiġi faċilitata aktar l-integrazzjoni tal-immigranti fil-komunità lokali u serviet bħala opportunita li tingħata informazzjoni u ssir diskussjoni ma'dawk li attendew fejn il-parteċipazzjoni kienet tajba ħafna.

Programm ta' attivitajiet Annwali oħra huwa għall-Ġimgħa L-Imsida (€3,512.57) li tilħaq il-qofol tagħha f' nhar Jum l-Imsida li kien ċelebrat l-Ġimgħa 9 ta' Lulju, dan kien jinkludi l-attività għal anzjani fuq il-bejt tal-Kunsill(€998.39) , ħarġa bil-Hop on Hop off, ħarġa għal- Esplora (€131.50) u l-purċissjoni tat-tfal b' San Guzepp. Għal okkażjoni ta' Jum l-Imsida, il-parteċipanti tal- Special Olympics li huma mill-Lokalità, ingħataw rikonoxximent mill-kunsill. Għal Mertu Msida, daħlu żewġt nomini, li kienu ta' Monsinjur Alfred Camilleri u s-Sur Twanny Agius. Is-Sur Agius intgħażel mill- bord tal-għażla biex jingħata l- Onorifiċenza Ġieh L-Imsida

2022. Dawn ġew parti finanzjata minn fondi (FKRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika, Jum il-Lokal u baned.













Ġiet organizzata l-Ġostra fi żmien il-festa, li ssir b' kollaborazzjoni bejn l-għaqda lokali u l-kunsill Lokali li jieħu ħsieb ix-xaħam (€85) u ambulanza (€413) finanzjata min fondi (FKRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika ,Jum il-Lokal u baned.




Għal matul il-Ġimgħa tal-Festa l-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jitpoġġew ukoll żewġt latrini mobbli f'postijiet differenti sabiex jkunu ta'servizz sanitarju addizzjonali għal pubbliku matul il-Ġimgħa tal-Festa (€112.10) filwaqt li għas-sigurtà, Il-kunsill Jipprovdi Fire Engine (€583.75), finanzjata min fondi (FKRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika ,Jum il-Lokal u baned.

Sa fejn possibbli l-Kunsill Lokali jipprova jsostni lill-Għaqda Banda Melita San Guzepp sabiex tiġbor fondi għal spejjez li ġġib magħha l-festa għalhekk għal dan il-għan il-kunsill ipprovda għal servizzi ta' sound, dawl

(€250). Filwaqt li l- Għaqda tikkontribwixxi b'għajnuna loġistika skond il-ħtieġa sabiex jitwettaq il-programm Sajf fil-Pjazza matul is-Sajf go Misraħ San Guzepp jew attivitajiet oħra li jista' jkun hemm matul is-sena.

Kif ġa msemmi, fost in-numru ta' attivitajiet li jiġu organizzati ġie mtela l-programm annwali Sajf fil-Pjazza bejn l'1 ta'Lulju u d- 9 ta' Settembru. (€4,573.20) bejn l'1 ta'Lulju u 9 ta' Settembru finanzjata min fondi (FKRL) Proġetti Kulturali, Sports, Mużika ,Jum il-Lokal u baned.




Meta ir-Reġjun Lvant kiseb it-titlu bħala l-'European Region of Sports' għas-sena 2023, mal-ewwel bdew preparamenti neċessarji mill- Kunsilli Lokali fi ħdan ir- Regjun li intalbu l-għajnuna biex tinġabar l-informazzjoni dwar id-dixxiplini sportivi li jiġu prattikati fil-Lokalità, kuntatti ta' xi ħadd mill-klabb u biex jiġu identifikati postijiet fejn jistgħu jinżammu attivitajiet sportivi. Il-Kunsill Lokali L-Imsida mal-ewwel għamel kuntatt ma'diversi għaqdiet sportivi tal-lokal bl- għan li jkun hemm konsultazzjoni / kollaborazzjoni fil-preparazzjoni tal-programm u parteċipazzjoni lokali wiesgħa fl- attivitajiet sportivi li se jkunu mqassma matul is-sena 2023.

REĠJUN LVANT MALTA
REĠJUN EWROPEW TAL-ISPORT | 2023

Permezz ta’ MOU ma’ Nanniet Malta, ingħata bidu għal-programm ta' laqgħat u attivitajiet soċjali fil-bini tal-kunsilli lokali li bdew jsiru kull nhar ta’ Erbgħa bejn il- 5 u 7 pm, go L-Imsida bħala *Hub* ġdida.




Il-Kunsill Lokali bħal kull meta jkun hemm bżonn jikkollabora bis-sħiħ mal-Assoċjazzjoni tal- Kunsilli Lokali li kienet qed tikkordina t-tqassim tat-shirts tal-Fun Run 2022 sabiex mit-Tnejn 31 t’ Ottubru 2022 beda l-bejgħ tagħhom.







Bħal kull sena l- Kunsill Lokali jieħu ħsieb it- tiżjin għal żmien il-Milied madwar it-toroq tal-Imsida u Swatar izda ir-riżorsi ma’jippermettux għal-

spiża go kull triq għalhekk ma’setax jonqos li ssir applikazzjoni sabiex jibbenefika minn fondi ta’mhux aktar minn €3,000 li ġew imnedija minn skema (FKRL) għal xiri jew kiri ta’ dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2022. Dan kien jikkonsisti t-tiżjin ta' dawl go Triq D'Argen (€2500) u t-tiżjin ta' siġar go Misraħ San Guzepp b’dawl tal-Milied (€600).



Attività oħra li l-kunsill lokali jipparteċipa fiha hija l-kunċert ta’ lejliet il-Milied fuq iz-zuntier wara l-purċissjoni bil-Bambin (€150), Din isir b'kollaborazzjoni mal-għaqda tal-banda lokali li jservi għal riżorsi meħtieġa biex tinżamm hajja din il-kultura .




Attività oħra li saret kienet għal-Milied 2022 nhar il-11 ta'Diċembru, b’ mużika, kant, żfin u affarijiet oħra go Misraħ San Guzepp, li kienet parti finanzjata minn fondi (€2,130.59) taħt skema (FKRL) Proġetti Kulturali,

Sports, Mużika, Jum il-Lokal u baned u l-kumplament mill- Kunsill (€1,153.09). Fost l-attrazzjonijiet kien hemm il-librerija mobbli fuq vettura tal-linja klassika mżejna għal okkażjoni fejn inxtraw diversi kotba apposta u tqassmu b'xejn lit-tfal.













Ma' kienx jonqos li l-Kunsill Lokali L-Imsida jipparteċipa fit-tielet attività Rigal bi Mħabba li hija inizjattiva sabiex jinxtraw numru ta'rigali għal tfal (€250) li l-familji jew kustodji tagħhom ma' jkunux f'qagħda li jixtru rigal fil-Milied.



Matul is-sena 2022, il-Klabb tal-Boċċi l-Imsida rebaħ diversi unuri f' kompetizzjonijiet lokali għalhekk b'rikonoxximent it-Trofew kienu għal espożizzjoni waqt il-laqgħa pubblika li saret fil- 15 ta'Diċembru fil-bini amministrattiv tal-kunsill. Wara fil-preżenza ta'membri rappreżentanti fil-kumitati għal għaqdiet lokali ġie preżentat memento b'apprezzament għal kontribut sportiv tal-Klabb Boċċi .




Il-kunsill Lokali L-Imsida jieħu ħsieb jippublika il-kalendarju tas-sena (3800 kopja) li imbagħad jitqassam go kull residenza fl-Imsida. Bħal snin ta'qabel dan tqassam  permezz ta'servizz minn membri tal-għaqda taż-żagħżagħ  fi ħdan il-Banda Melita  San Guzepp (€200) li jiġi ferm irħas mill-posta normali.




Tajjeb li wieħed isemmi li kif mill-bidu ta'din is-sena l-kuntratt tal-iskart ġie taħt ir-responsabiltà Reġjonali, għalhekk id-disinn għal Kalendarju għas-sena 2023 bl-iskeda l-ġdida ġie ppublikat mir-Reġjun Lvant li għandu bħala tema il-bolol Reġjonali li ġew imnedija f'Ottubru 2022.



Ir-Regjun Lvant għamel tajjeb għal elf (1,000) kopja filwaqt li ma dawn il-Kunsill ħa ħsieb jistampa 3,500 kopja oħra.

Għal okkażjoni ta'għeluq il-mitt anniversarju mit-twaqqif tal-Banda Melita San Guzepp Msida, il-kunsill ippreżenta €486 għal irħama kommemorattiva li għaliha saret plakka go post prominenti fil-każin li tindika li ngħatat mill- Kunsill Lokali L-Imsida għal Okkażjoni. Ta' min issemmi li l- irħama kommemorattiva kienet parti finanzjata (€1654.85) minn fondi taħt skema (FKRL) Proġetti b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet fil-Lokalità 2022.



Min dan il fond ibbenefikaw ukoll il-Kumitat Festa Esterna San Guzepp (€596.35) għal manutenzjoni fil-maħżen u L-Imsida Youth Nursery (€249) biex jixtru printer.

## 11- Konklużjoni

Matul is-sena 2022 saret laqgħa waħda minn tnejn kif mitlub mill-Leġislazzjoni. Minħabba miżuri li ttieħdu għas-sitwazzjoni Covid 19 il-laqgħa pubblika biex ir-residenti jkunu nfurmati bil-ħidma tal-kunsill u l-pożizzjoni finanzjarja sa tmiem is-sena preċedenti ma setgħetx issir fil-15 ta'April 2022.

Kunsill Lokali L-Imsida
Kunsill Lokali l-Imsida
p: 21334343
a: Ċentru Ċiviku,Misraħ Menqa,L-Imsida MSD 9090
e: msida.lc@gov.mt
w: https://imsida.org

Il-Kunsill Lokali l-Imsida jixtieq jistieden lir-residenti kollha tal-Imsida li isimhom jidher fuq ir-reġistru elettorali u li huma eleġibbli jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsill, sabiex jattendu għal-Laqgħa Annwali tal-lokalita' li ser issir nhar il-Ħamis, 15 ta' Diċembru, 2022, fil-5:00pm, fl-indirizz t'hawn fuq.

Matul din il-laqgħa ser jiġi diskuss il-programm ta' ħidma tal-Kunsill għal din il-leġislatura. Wara, r-residenti jkollhom iċ-ċans sabiex iressqu s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

Il-laqgħa sservi sabiex ir-residenti jwasslu s-suġġerimenti tagħhom għal pjan ta'ħidma għas-sena suċċessiva saret fil-15 ta' Diċembru 2022.

Filwaqt li l-Kunsill Lokali l-Imsida qed iwassal rapport dettaljat għal ħidma ta' matul is-sena 2022. Qatt ma hu possibbli twassal il-volum ta' attività li ta'kuljum tkun għaddejja matul is-sena inkluż dawk l-attivitajiet fuq livell reġjonali li ma'humiex fl-iskop ta'dan ir-rapport. Għalhekk jekk ir-resident ikun jixtieq aktar Informazzjoni fid-dettal għandu jsib il-minuti ta'kull seduta tal-Kunsill Lokali L-Imsida flimkien ma' pubblikazzjonijiet oħra li huma disponibbli għal pubbliku fuq is-sit ta'dipartiment għal Gvern Lokali hawn provdut https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Msida/Pages/default.aspx u jidħol fil-menù ''*Publications*''




Dan ir-rapport għandu jitniehed bħala kontinwazzjoni ta'rapporti oħra tas-snin preċedenti flimkien ma' pjan ta' ħidma preżentat fl-aħħar ta'Settembru 2019 li wassal 81 proposta. Ħafna minn dawn ġa' saru jew ġew imġedda jew hemm ġodda kif ġew proposti waqt il-laqgħa għal pubbliku li saret fil-15 ta'Diċembru 2022. Bosta minn dawn huma inklużi fl-estimi finanzjarji għas-sena 2023 biex jibdew jitwettqu. Il-pożizzjoni finanzjarja preżenti u l-pjan ta' ħidma mfassal qed jagħtu indikazzjoni ċara fejn il-Kunsill Lokali tal-Imsida rrid jasal fis-snin li ġejjin.

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati, lill-ħaddiema u l-volontarji tal-Kunsill, tal-ħidma u l-kollaborazzjoni tagħhom. Għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat mis-Sindku u l-Kunsilliera, seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |